TRIBUNAL INDUSTRIJALI

**Decizjoni Nru 1677**

**Kaz Nru 2198 HW**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Lugrace Azzopardi**

**u**

**Care Malta Ltd.**

**Dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta.**

Chairman : Is-Sur Harold Walls M.Sc., DPM, IPD(UK).

**Din il-kwistjoni tax-Xoghol giet irreferita lit-Tribunal Industrijali permezz ta' dikjarazzjoni pprezentata fir-Registru tal-Qorti Superjuri fit-23 ta' Gunju 2004, biex tigi pprocessata mit-Tribunal Industrijali skond it-Termini ta' l-Att XXII tas-sena 2002, dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali.**

**Ms Lugrace Azzopardi, li minn issa tidher bhala l-Appellanti kienet assistita mill-Avukat Peter Fenech. Ghas-Socjeta intimata dehru is-Sur Alex Tranter u Ms Marie Craus assistiti mill-Avukat Massimo Vella.**

**Fl'istqarija tal-kaz l-appellanti tghid, li kienet bdiet tahdem fil-25 ta' Marzu 2003 mas-Socjeta intimata li topera Casa Arkati bhala care assistant. Hija tghid ukoll, li fil-5 ta' April 2004, giet avvicinata mill-management biex tiffirma "termination letter" li kienet ukoll fiha nnifisha "a very serious formal warning" fejn is-Socjeta allegat li fit-2 ta' April 2004, l-appellanti kienet uzat kliem abbuziv u pastaz, fil-konfront ta' certi residenti li jbatu bid-dementia.**

Fl'istqarrija tal-kaz l-appellanti cahdet l-allegazzjoni msemmija u ma ffirmatx l-ittra u konsegwentament hija sfat imkeccija fl-istess gurnata tal-5 ta' April 2004.

L-Appellanti ttemm l-Istqarrija tal-kaz taghha fejn tghid, li hi dejjem hadmet bl'aktar mod professjonali u ppruvat dejjem taqdi l-htigijiet tal-pazjenti u tghin lill-shaba fuq il-post tax-xoghol u dan anke wassal biex sfat f'inkwiet f'okkazzjoni partikulari.

Ghas-Socjeta intimata da parti taghha qalet, li fit-2 ta' April 2004, il-Matron tad-Dar ta' l-Anzjani kienet giet avvicinata minn wahda mill-impjegati is-Sinjura Francesca Ellul u giet infurmata b'incident li kien gara fil-ghodu, meta waqt li kienet qed tahsel residenta, f'hin bla waqt sehmiet lill-appellanti tuza lingwagg baxx u abbuziv dirett lejn ir-residenta li kienet qedha tahsel. Ghal dan il-lingwagg l-appellanti giet kkoreguta mis-Sinjura Francesca Ellul, izda din l-azzjoni giet ripetuta ftit tal-hin wara ma resident iehor fil-prezenza ta' l-istess Francesa Ellul, u mpjegata ohra is-Sinjura Doris Vella.

Fl-istqarrija tal-kaz is-Socjeta tkompli tghid, li wara li dan il-kaz gie irrapurtat lill-Matron hija avvicinat lill-appellanti li minn naha taghha cahdet, izda minkejja dan il-management issospenda lill-appellanti ghal dik il-gurnata sakemm dan il-kaz jigi irrapurtat lic-Chief Executive Officer. Konsegwentament, saret laqgha tal-management fejn gie diskuss il-kaz ta' l-appellanti u anke saret riferenza ghal kaz iehor ta' dixxiplina li kellha u gie deciz li peres li minhabba x-xoghol delikat li ghandha d-dar, jigifieri dak li jiehdu hsieb persuni anzjani u persuni li jbaghtu b'nuqqas ta' memorja, ma tistax tittollera dan l-abbuz verabli, u ghaldaqstant gie deciz li bhala mizura ta' dixxiplina jigi tterminat l-impieg taghha.

Mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta, li l-appellanti kienet giet impjegata fil-25 ta' Marzu 2003, bhala care assistant u l-impieg taghha gie tterminat fil-5 ta' April 2004, wara incident li kien inqala fit-2 ta' April 2004, meta hija kienet indirizzat bi kliem abbuziv u pastaz lill certi residenti li jbatu bid-dementia. It-

Tribunal Industrijali ezamina x-xhieda ta' Ms Francesca Ellul u Ms Doris Vella li xehdu fid-dettal dwar l-incident li wassal ghall-azzjoni dixxiplinarja fil-konfront ta' l-appellant. It-Tribunal Industrijali semgha wkoll ix-xiehda ta' l-appellanti li cahdet, li qatt indirizzat lir-residenti b'modd abbuziv.

Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-Istatements of Case tal-partijiet, kif ukoll ra u ezamina d-dokumenti esebiti, semgha u evalwa x-xhieda prodotta u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz dejjem fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet tieghu citati hawn fuq, it-Tribunal Industrijali jiddeciedi, li x-xhieda ta' Ms Francesca Ellul u Ms Doris Vella kienet aktar kredibbli minn dik ta' l-appellanti u ghaldaqstant jikkonferma li l-incident kien sehh u l-appellanti kienet indirizzat lir-residenti b'mod abbuziv. It-Tribunal Industrijali hu tal-fehma, li meta tikkunsidra ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, specjalment li l-kliem abbusiv kien indirizzat lejn residenti anzjani u li jbatu b'dementia, dan kien kaz gravissmu ghaliex l-anzjani taghna mghandhomx jigu ttratti bil-modd kif ghamlet l-appellanti, izda l-anzjani ghandhom jigu ttratti b'rispett, appogg u modrija. Invista ta' dan it-Tribunal Industrijali jiddeciedi, li t-tkeccija mill-impieg saret ghall-raguni tajba, gusta u sufficenti skond il-ligi.

Ghall-iskop tal-Avviz legali numru 48 tal-1986, it-Tribunal Industrijali jillikwida d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' LM 40 kull wiehed.

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

Harold Walls
Chairman

Vera kopja

Vincent Micallef
SEGRETARJU